**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 2/07(12_04_07).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 12 t' April 2007, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-4.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-10 t' April 2007.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Estimi Annwali 2007-2008.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
7. Il-Bajja tax-Xlendi.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Paul Hyzler, Marketing & PR Executive, Fondazzjoni Wirt Artna rigward 'Esperjenza Ħajja - Programm ta' Attivitajiet Kulturali – 2007'. Huwa ta xi informazzjoni rigward il-ħidma ta' din il-Fondazzjoni u bagħat programm ta' attivitajiet li l-Kunsill jista' jikkonsidra meta jkun ser jorganizza ħarġiet kulturali w edukattivi.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Ray Abela, TCTC fejn feraħ lill-Kunsilliera eletti kollha u awguralhom tlett snin ta' ħidma għal ġid tal-komunita'. Huwa introduċa wkoll diversi proġetti mmirati għal diversi etajiet differenti sabiex ikompli jinfirex it-tagħlim fl-użu tal-kompjuter u l-*internet* u ħabbar li bħalissa qed jaħdmu fuq dawk il-Kunsilli li huma interessati li joffru dawn l-inizjattivi dan is-sajf.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 12/2007 mingħand is-Sur S Frendo, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn informa lill-Kunsilli Lokali b' Mistoqsija Parlamentari Nr 24895. Huwa talab lill-Kunsilli sabiex jagħtu l-informazzjoni mitluba.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 09/2007 mingħand is-Sur Silvio Frendo, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ‘Egħluq tas-Sena Finanzjarja 2006-07’. Huwa ħeġġeġ sabiex tingħata l-għajnuna kollha possibbli lill-Udituri u indika diversi *financial statements* u rapporti li għandhom jiġu ppreparati.

2.05 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand Dr Chris Said, Sindku tal-Kunsill Lokali Nadur fejn qed jistieden lill-Kunsill għal żewġ attivitajiet li ser jittellgħu fil-lokalita’ tan-Nadur bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Kulturali tar-Russja f’ Malta. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jattendi u jħajjar nies oħra sabiex jattendu wkoll.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Godwin Warr, Director General fil-Commerce Division rigward ‘Intellectual Property Awareness’. Huwa spiega l-ħidma tagħhom, l-importanza tal-Intellectual Property (IP), ħabbar li ser jorganizzaw sensiela ta’ IP *workshops* u talab li Kunsill sabiex ikompli jsegwi l-avviżi li jistgħu joħorġu f’ dan ir-rigward u jikkuntatjah f’ każ ta’ xi diffikulta’.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onor. Edwin Vassallo, Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Self Employed. Huwa talab sabiex jinħatar Kunsillier responsabbli għall-ħidma ta’ żvilupp ta’ politika imprenditorjali fil-Komunita’ u l-Kunsill jinformah bl-isem ta’ dan il-Kunsillier magħżul.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Joe Camilleri fejn introduċa lilu nnifsu u ta xi informazzjoni rigward ġabra ta’ novelli li għadu kemm ippubblika bl-isem ta’ ‘Solitudni fil-Folla’. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill billi l-Kunsill jixtri xi kopji ta’ dan il-ktieb li jkunu jistgħu jinżammu fil-Librerija tal-lokal jew jingħataw bħala rigali f’ okkażżjonijiet speċjali. Il-Kunsill iddeċieda li jixtri ktieb u jitpoġġa fil-Librerija taċ-Ċentru Parrokkjali.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ‘Laqgħa għall-Kunsilliera ta’ Malta u Għawdex (li mhumiex Sindki)’ li ser issir fl-14 t’ April 2007. Huwa ħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli għal din il-laqgħa u bagħat ukoll il-Programm, il-Minuti, l-Attendenza ta’ l-aħħar Laqgħa tal-Kunsillieri li kienet saret fil-15 ta’ Settembru 2001 u kopja tal-Kodiċi ta’ Etika.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2007 mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ‘Pubblikazzjoni mid-Dipartiment dwar Proġetti mill-Kunsilli Lokali Kollha’. Huwa ħabbar li dan il-ktejjeb li ser ikun bl-ingliż ser jiġi ppubblikat f’ Ottubru 2007 u għaldaqstant talab lill-Kunsilli sabiex jibgħatu lid-Dipartiment informazzjoni dwar attivita’ speċjali li ssir fil-lokalita’ flimkien ma’ ritratt ta’ l-istess attivita’.

2.11 Il-Kunsill irċieva kopja ta’ *e-mail* li s-Sur Louis Deguara, Segretarjat, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kien bagħat lill-Kapijiet tat-Taqsima ta’ l-Aħbarijiet u lill-Edituri tal-Ġurnali bi stqarrija għall-istampa Nru. 12/2007 ‘L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali timbarka fuq kampanja favur ugwaljanza sħiħa u effettiva’.

2.12 Il-Kunsill irċieva kopja tal-Minuti tal-laqgħa Nru: 2/07 tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement li saret fl-14 ta’ Frar 2007 u l-Aġenda għal-laqgħa li jmiss ta’ dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Association of Women in Business rigward ‘International Woman in Business Day Celebrations’. F’ din l-*e-mail* kien hemm il-programm ta’ l-Annual Conference of the Malta Association of Women in Business li ser isir fit-18 ta’ Mejju 2007 u l-Kunsill reġa’ ġie mfakkar li jekk ser jinnomina li xi ħadd, dan għandu jagħmlu sal-20 t’ April 2007.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joseph Xuereb, ETC Gozo rigward 'Courses Organised by ETC in Gozo – April 2007'. Huwa bagħat *poster* b' informazzjoni dwar dawn il-korsijiet u talab lill-Kunsill sabiex dan il-*poster* jiġi mwaħħal fuq in-*notice board*.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Adrian Mifsud, President UDITE rigward 'Sezzjonijiet ta' Informazzjoni dwar l-Aspetti Finanzjarji'. Huwa qed iħeġġeġ lill-Kunsilli sabiex ikun hemm rispons tajjeb għas-sezzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali li ser jittellgħu fit-18,i d-19 u l-21 t' April 2007.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Daniela Grech, Project Manager tal-INROADS. Hija spiegat il-ħidma tagħhom u semmiet xi proġetti li jgħoddu għal Kunsill u offriet is-servizzi tagħhom jekk il-Kunsill ikollu bżonn.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 01366/07 – *Restoration of existing rural pigeon house (barumbara),* fis-Saqwi, Limiti tal-Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.18 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari 16/2007 mingħand il-President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa għas-Sindki – Xlokk'. Din ser issir fis-27 u fit-28 t' April 2007, fix-Xlokk ta' Malta.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Seminars dwar Finanzi u Risk Management'. Huwa ħabbar id-dati ta' dawn is-*seminars* u ħeġġeġ lis-Sindki, Segretarji Eżekuttivi u *staff* klerikali sabiex jattendu.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00972/07 – *To construct a sewage pumping station in Xlendi Gozo,* fi Pjazza l-Anfori, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.21 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00721/07 – *Construction of apartment,* fi Triq il-Puniċi, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 01004/07 – *To sanction rooms and carry out additions,* fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00189/07 – *To interlink restaurant to outside area by construction a tunnel under existing street,* fi Triq San Xmun, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.23 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00530/07 – *To amend previously approved plans. To shift apartments one floor up and to construct third floor and to change semi basement to class 4 shop,* fi Triq il-Biżantini, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 00886/07 – *To sanction elevation as built,* fi Triq il-Puniċi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.24 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sid ta' sit fil-Munxar. Dan kien rigward sit fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina minħabba żvilupp mhux skond il-permess u l-pjanti approvati f' PB 01713/83, li jikkonsisti f' varjazzjonijiet esterni (faċċata) u dawk interni (tqassim).

2.25 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sid ta' sit fix-Xlendi. Dan kien rigward sit fi Triq il-Biżantini minħabba żvilupp mhux skond il-permess u l-pjanti approvati f' PA 7103/05 datata 26/06/06 li jikkonsisti f' varjazzjoni fil-qisien u l-*layout* tas-sit.

2.26 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 01018/07 – *Internal alteration and refurbishment of façade and additions of tables and chairs with overlying canopy,* fi Triq ir-Rabat, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 01749/07 – *Renewal: to demolish existing building and erect two maisonettes and three garages,* fi Triq il-Madonna tal-Karmnu u Triq il-Munxar, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

## 3.00 Ilmenti.

3.01 Il-Kunsill ġie avviċinat mill-Merlin Library dwar skema 'Il-Ktieb Teżor". Il-"Ktieb Teżor" għandu l-għan li jilħaq lil kull tifel u tifla li ser tibda l-Iskola Primarja għall-ewwel darba. Il-pakkett "Il-Ktieb Teżor" jinkludi ktieb bil-Malti u ieħor bl-Ingliż, *colouring book* u ktejjeb ta' informazzjoni bil-Malti. Dan il-pakkett jingħata b' xejn lit-tfal iżda l-Kunsill qed jintalab iħallas Lm2 għal kull pakkett. Ġie deċiż li l-Kunsill jixtri minn dawn il-pakketti meta ssir xi attivita'.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident ta' *plot* tal-bini fix-Xlendi għaliex l-art waqgħet taħt il-liġi li tobbliga lis-sid biex jibni ħajt ta' tmien filati għoli fil-faċċata. Peress li huwa ser jibni ma jdumx qed jitlob illi sabiex ma jagħmilx spejjeż żejda, qed jitlob li jiġi temporanjament eżentat minn dan l-obbligu. Ġie deċiż li din il-persuna tiġi avvżata biex tikkonforma mal-liġi mill-aktar fis possibbli.

3.03 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA dwar proposta ta' permess sabiex isir *tunnel* taħt Triq San Xmun biex Il Terrazzo Restaurant jiġi illinkjat ma' l-*area* ta' barra tar-*restaurant*. Il-Kunsill ma joġġezzjonax.

3.04 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident fi Triq il-Biżantini, Xlendi. Huwa qed jinforma lill-Kunsill li persuna qed tqatta' mit-triq u għandu jitwaqqaf. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi rriferut lill-MEPA.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern dwar talba sabiex jingħataw permess biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fi Triq ix-Xatt, Xlendi. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat Monument Nazzjonali Papa Ġwanni Pawlu II. Dan il-Kumitat qed jipproponi biex issir attivita' fil-Munxar billi kor minn Malta jagħmel Kunċert fil-Knisja tal-Munxar. Il-Kunsill qed jiġi mitlub li jħallas Lm187. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Perit Guido Vella. Huwa qed jikteb f' isem sid ta' *Apart Hotel*. Huwa qed jitlob sabiex issir *direction sign* fil-*parking* tax-Xlendi. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

## 4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 2/07(12_04_07).

**5.00 Estimi Annwali 2007-2008.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' l-Estimi Annwali 2007-2008.

L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Marzu 2008 għall-Kunsill tal-Munxar ser tkun Lm75,443. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' Lm500 u imgħax minn banek Lm100.

Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser tkun Lm20,605.

Qed isir estimu ta' Lm55,093 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni.

Sar aġġustament fejn il-Gazzetta tal-Gvern ma hijiex ser tinxtara, peress li qed tkun fuq l-*internet*.

Rigward spejjeż kapitali huwa stmat li jintefqu Lm300 f' għamara ta' l-uffiċċju.

Il-Kunsill approva dawn l-Estimi.

5.02 Il-Kunsill iddeċieda li mill-fondi żejda li nġemgħu matul is-snin ser isiru dawn ix-xogħlijiet:

*Stencil* tal-Bankini - Lm15,000
Tieni Fażi *Playing Field* - Lm30,000
Tielet Fażi *Playing Field* - Lm20,000

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-lokalita'.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bankina fi Triq Ras il-Bajjada għada kemm tlestiet. Dalwaqt tinfetaħ il-Latrina l-ġdida tax-Xlendi peress li għadhom kemm tlestew il-bibien. Bħalissa x-xogħol tat-twessigħ tat-triq fid-daħla jinsab wieqaf peress li l-Perit ser iressaq emmenda biex il-bankini jiċċekknu bi 12 –il pulzier minn kull naħa. Il-membri kollha tal-Kunsill ma jaqblux li x-xogħol jieqaf, iżda waqt li jsiru l-emmendi fil-pjanti biex isir il-*clearance* mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, x-xogħol għandu jitkompla.

**7.00 Il-Bajja tax-Xlendi.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa fix-Xlendi qed jinqala' ċint fi Triq San Xmun biex minflok isiru *bollards* tal-*concrete*, *railings* u fanali. Wara dan ix-xogħol ser jinbeda x-xogħol fuq it-taraġ ta' l-Għar ta' Karolina. Iż-żewġ *floodlights* li nxtraw mill-Kunsill xi ġimgħat ilu, biex jiġi mdawwal l-Għar tax-Xlendi kienu ser jitwaħħlu dalwaqt. Wara dan ix-xogħol, ser jitwaħħlu lampi fil-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun.

Għalkemm dan l-aħħar kienu ġew xi Puliziji jaħdmu Għawdex, l-Għassa tax-Xlendi xorta waħda għadha tkun magħluqa. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra lill-Kummissarju, lill-Ministru Tonio Borg u lis-Supretendent t' Għawdex biex nilmentaw dwar il-fatt li l-Għassa tax-Xlendi qed tkun magħluqa.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kienet tqaċċtet bruka minn Triq ix-Xatt fix-Xlendi u meta ħaddiema tal-Gvern marru biex iħawwluha, xi ħadd reġa' radam it-toqba. Il-dawl tal-Knisja issa reġa' beda jixgħel peress li l-ħsara kienet ġejja mis-*supply* ta' l-Enemalta. Is-Sindku kien ċempel lis-sid tal-post fejn kien hemm l-ex Andar u dan aċċetta li jinbena l-*boundary wall* biex jiġi mneħħi l-periklu. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll sabiex il-ħaddiem *attached* mal-Kunsill għandu jagħmel jumejn fil-ġimgħa fil-Ġnien Ragalna u l-kumplament ikunu xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq qabel ma' tasal il-festa tar-raħal.

**9.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

9.01 Is-Sur Mario Camilleri ssuġġerixxa li dik it-tabella li għamel il-Kunsill fil-*Parking* tax-Xlendi, titpoġġa f' post aktar prominenti fil-*Parking* tax-Xlendi. Huwa ssuġġerixxa wkoll sabiex il-*website* tal-Kunsill tingħata dehra ġdida u aktar attraenti u f' dan l-istess *website* tibda titpoġġa l-Aġenda u Minuti tal-laqgħat. Kien hemm qbil dwar dawn il-proposti.

9.02 Is-Sinjura Carmen Said semmiet it-taraġ fix-Xlendi li kellu jinkesa' biċ-ċangaturi skond deċiżjoni tal-Kunsill ta' qabel. Hija qed titlob sabiex bankina li hija għolja fi Triq Ras il-Bajjada jsirilha tarġa u jsir taraġ minflok rampa quddiem residenza fil-Pjazzetta t-12 ta' Diċembru 1957.

Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar it-talba li semmiet fil-laqgħa l-oħra biex jinbena *boundary wall* madwar il-post fejn kien hemm l-ex Andar. Il-Kunsill għandu jindaga mal-MEPA dwar il-*planning gain* għal dak l-iżvilupp li ser isir minflok l-ex Andar.

Is-Sinjura Said fakkret lill-Kunsill li għad hemm pendenti dik it-talba minn Lukandier biex *road hump* li qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti tal-Lukanda titneħħa.

9.03 Is-Sindku ddikjara li t-taraġ tax-Xlendi huwa fil-programm ta' xogħlijiet li ser isiru fix-Xlendi, l-iżviluppatur ta' fejn kien hemm l-ex Andar ġie informat permezz tat-*telephone* biex jibni *boundary wall*. Dwar ir-*road hump*, il-Kunsill kien ser jikkonsulta ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex tinstab alternattiva għar-*road hump*.

9.04 Rigward il-punti li semmiet is-Sinjura Carmen Said biex issir tarġa ma' bankina u tarġa minflok rampa quddiem dar ta' resident, kien hemm qbil sabiex dan ix-xogħol isir.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sidien tar-Ristorant Iċ-Ċima huma kontra li jsir fanal fuq *bollard* eżatt quddiem il-faċċata ta' l-istabbiliment tagħhom peress li d-dawl ser itellef il-veduta lill-klijenti tagħhom. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jitlob biex dak il-fanal ma jsirx.

10.02 Ir-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi kien ġie l-Kunsill sabiex jilmenta għall-fatt li huwa ma ngħatax ċavetta tal-kaxxa tal-flus u ċavetta tal-kaxxa tal-*main* tad-dawl. Ir-Rettur talab ukoll sabiex il-fanal li sar, jinbidel u anke' jsir festun mad-dawra tal-padestal. Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-serratura tal-kaxxa tal-flus hija miksura u din ser tinbidel u tingħata kopja lir-Rettur.

10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar stima mingħand il-Home Decoration sabiex isiru żewġt *vertical blinds* u *skirting* fil-kamra tal-laqgħat. L-ispiża ser titla' għal Lm117 VAT inkluż. Kien hemm qbil biex dan ix-xogħol isir.

10.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sid ta' *restaurant* fi Triq ix-Xatt qed jitlob biex din it-triq tingħalaq għat-traffiku mid-9 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħodu peress li huwa għandu permess biex jibqa' miftuħ sal-4 ta' filgħodu u qed ikollu iqajjem il-klijenti mill-imwejjed biex tgħaddi vettura. Is-Segretarju Eżekuttiv qed jissuġġerixxi huwiex il-każ li tissolva din il-problema billi l-Kunsill jirriserva parkeġġ għat-togħbija u tħollija ta' merkanzija fi Triq San Xmun. Ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa mas-sidien ta' stabbilimenti tax-Xlendi biex jiġu diskussi problemi u suġġerimenti fix-Xlendi. Din il-laqgħa ser issir nhar il-Ħamis, 19 t' April 2007 fid-9 ta' filgħodu.

10.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva xi ilmenti dwar l-istat tat-Torri tax-Xlendi. L-aħħar ittra li ntbagħtet lil-Lands Department kienet f' Jannar li għadda u għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill jerġa' jikteb lil-Lands Department.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sur Patrick Grima ssuġġerixxa li l-*open skips* li jitpoġġew fi Triq Marziena kull nhar ta' Sibt jerġa' jibda jsirilhom l-għassa. Is-Sindku informah li għalkemm ġieli ntbagħtu *warden* u anke' l-ħaddiem li huwa *attached* mal-Kunsill ma tantx ħallew riżultati posittivi. Is-Sur Mario Camilleri ssuġġerixxa li nikkummisjonaw lill-*Club* tal-Futbol biex jibgħat raġel b' eta' aktar minn 18 –il sena biex iniżżel fuq formola preskritta mill-Kunsill in-numru tal-karozza, l-ħin u x' materjal tefa'. Il-Kunsill ser iħallas Lm7 VAT inkluża għal kull Sibt mit-8 ta' filgħodu sa nofsinhar.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2007, fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***